**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip Matr., ( Can )**

**Appell Numru: 475 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anzjan Hubert Cini)**

**Vs**

**Aaron Steven Stewart Edward Ritchie**

Illum, 7 ta' Frar, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Aaron Steven Stewart Edward Ritchie ta' 36 sena, iben Edgar u Jeanette nee' Ranier, imwieled Londra, fis-17 ta' Frar, 1984, residenti 176, Tropicana, Triq Bormla, Paola, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-numru 77000 L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Fis-16 ta' Frar 2020, ghall-habta ta' bejn 18:45hrs u 19:00hrs gewwa il-fond 122, Pjazza Fra Antoine de Paule, Paola, Malta:

1. Ikkommettejt serq ta' €400 liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi il-€232.94 Euros, bil-lok, u bil-hin u bil-vjolenza u dan ghad-dannu u detriment ta' Peter Paul Lanzon, persuna li ghalqet l-età ta' sittin sena, u jew persuna/i ohra. U dan bi ksur tal-Artikolu 261 (a) (b) (c) (e) (f), 262 (1) (a), 263, 267, 269 (g), 270, 274 (a), 276 (a) u 277 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Peter Paul Lanzon, persuna li ghalqet l-età ta' sittin sena, griehi ta' natura gravi, kif iccertifikat Dr Michael Sullivan Reg. No 4009 mill-Isptar Mater Die u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 218 (1) (a), 222 (A) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, hebbejt kontra Peter Paul Lanzon sabiex tingurjah, iddejjaqha jew taghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma' jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettejt reat waqt perjodu operattiv ta' Conditional Discharge moghti mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D ghal 3 snin nhar il-11 ta' Ottubru 2017;

5. Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest maghmul fil-15 ta' Frar 2018 u moghti mill-Imhallef Dr. G. Grixti LLD u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD fid-digriet taghha tas-26 ta' Lulju 2018 u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D fid-digriet taghha tat-22 ta' Ottubru 2019 u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Rachel Montebello LLD fid-digriet taghha tad-19 ta' Novembru, 2019, li bih tat il-helsien mill-arrest. Art 579 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom Aaron Steven Stewart Edward Ritchie inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somom bhala depoziti u garanziji personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li l-imputat naqas li jhares xi wahda u/jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu kif hawn spjegat fejn permezz tal-imsemmija digrieti huwa gie moghti l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet.

6. Kif ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa digà gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

7. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurtà tal-imsemmi Peter Paul Lanzon u minn issa tapplika l-provediment tal-Artikolu 412 C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

8. F' kaz ta' htija l-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Peter Paul Lanzon ai termini tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

9. Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat Aaron Steven Stewart Edward Ritchie ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Novembru, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261 (a) (b) (c) (e) (f); 214; 215; 218 (1) (a); 222 A; 262 (1) (a); 263; 267; 269 (g); 270; 274 (a); 276 (a); 277; 289; 339 (1) (d); 383 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil Aaron Steven Stewart Edward Ritchie **mhux hati** ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu u lliberatu minn kull htija u piena dwarhom.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fis-16 ta' Novembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti li tilqa' dan l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza hawn citata, u ghar-ragunijiet suesposti issib lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u billi tigi imposta l-piena skont l-imputazzjonijiet.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-AGGRAVJU**

***Dwar l-apprezzament tal-provi***

**ILLI** l-esponent hassu aggravat bil-mod ta' kif l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-fatti tal-kaz *de quo*.

**ILLI** l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-konsiderazzjnijiet taghha, naqset milli tirreferi ghall-fatt li x-xhud principali fil-kaz *de quo*, u cioe' l-parte civile, kemm fil-verzjoni a tempo vergine li ta' lill-Pulizija u kif ukoll waqt ix-xhieda bil-gurament tieghu fil-mori tal-proceduri tenna u kkonferma li gharaf li l-persuna kien Aaron Steven Stewart Edward Ritchie qua appellat.

**ILLI** ghal referenza ehfef, l-appellant Avukat Generali jirrieferi ghal **Dok. KE 1 a fol. 40 *et seq* tal-atti processwali**, li huwa r-rapport li Peter Paul Lanzon ghamel mal-Pulizija. F' dan ir-rapport, **a fol. 43 tal-atti processwali** nsibu hekk:

> *Meta mistoqsija ta' x' kien gara Peter qal li gie xi hadd ihabbattlu mal-bieb tad-dar u dan kellmu bl-Ingliz fejn qallu li m' ghandux menu tal-anzjani fejn Peter dak il-hin tfixkel u fetahlu l-bieb.* ***Peter ra ragel liebes skufja fejn gharaf min kien u qal li kien Aaron Ritchie.*** [enfasi tal-appellant] *Kompla jistqarr li Aaron dahal go daru, imbuttah u hadlu l-kartiera li kien fiha €400, HSBC quick cash, ID card, xi ircevuti u pin number.*

**ILLI** fix-xiehda moghtija minn Peter Paul Lanzon fil-mori tal-proceduri, **a fols. 69, 70, u 71 tal-atti processwali**, nsibu hekk:

*Xhud: Imbaghad ried il-wallet u mbaghad ghidtlu you are Ritchie. Ghax jiena kont*

*Pros: X' ghidtlu?*

*[...]*

*Xhud:* ***Ghidtlu you are Ritchie jiena*** [enfasi tal-appellant]

*[...]*

*Pros: All right inti iddiskrivejtilna l-incident u f' hin minnhom xehedt illi li din il-persuna ghidtilha you are Ritchie. Ghal min kont qed tirreferi dan Ritchie u kif tafu dan Ritchie?*

*Xhud:* ***Dan Ritchie ilni nafu ghax dejjem jigri warajja biex intih il-flus.*** [enfasi tal-appellant] *Dan l-ahhar kien dahal ghandi u ma' harigx, cempilt lill-Pulizija u gew u keccewh ' l hemm qalulu mhux se jtihielek it-€20 ghax hu, jien ghidtilhom talabni €20 ghadni kif tajtu €50. U l-Pulizija keccieh qallu tersaqx iktar lejn din l-ghatba. Din kien ilha sejra b' hekk nafu lil dan il-bniedem. Kont intih xi haga biex nghinu imma ma' tantx sewa milli jidher. Kont naf lil missieru hemmhekk Rahal Gdid.*

*[...]*

*Xhud:* ***U b' hekk ilni nafu*** [enfasi tal-appellant]

*Pros: Tajjeb issa jekk thares harsa fl-Awla taghraf lil xi hadd?*

*Xhud:* ***Iwa naghrfu*** [enfasi tal-appellant]

*Pros: lil min taghraf habib?*

*Xhud: lis-Sur Ritchie*

*Pros: tista' tippunta lejh*

*Xhud: hawnhekk*

*Qorti: ix-xhud qed jindika lill-imputat*

**ILLI** jemergi bi kjarezza kristallina li l-parte civile gharaf lill-appellat ghaliex kien ilu jafu hafna, u l-parte civile jikkonferma wkoll fil-kontro ezami li kien ilu jafu hafna. Jirrizulta wkoll li din il-certezza dwar l-identifikazzjoni tal-appellat mill-parte civile baqghet konformi sa mill-verzjoni a tempo vergine li l-istess parte civile provda lill-Pulizija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2023.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju tal-appellant huwa bazat fuq il-fatt li fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi prodotti. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti talMaġistrati u ma' tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment

korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **<u>Ir-Repubbblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> *-kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma' tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma' tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti*

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Siefeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; IlPulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; IlPulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma' tiddisturbahx, anke jekk ma' tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma' tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk ilverdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma' tiddisturbahx (ara per ezempju IrRepubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma' setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma' ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma' terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

---

[2] u dan sakemm ma' jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu

428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma' kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma' tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk ilQorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma' tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma' jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma' jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma' jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Sulieman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul** Hili, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter,** 14 ta' Dicembru 2004**; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic** Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003**; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino,** 7 ta' Marzu 2000**, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony** Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Siefeddine Mohamed Marshan et,** 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

4 Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika**

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

L-**artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> *id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment filverżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-

---

**<u>ta'</u> <u>Malta vs Martin Dimech</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**:[5]

> *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma' temmnux'*

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma' għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,6 li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Ikkunsidrat

Illi nhar il-25 ta' Frar, 2020, xehed l-**Ispettur Hubert Cini**[6] u spejga li nhar is-16 ta' Frar, 2020, tas-7.00p.m Peter Paul Lanzon, anzjan ta' 60 sena kien informa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid illi kien qieghed id-dar tieghu gewwa 122 Pjazza De Paule, Rahal Gdid ma' l-art u ma' setax jiccaqlaq u li kien dahal xi hadd f'daru u hadlu l-kartiera li kellha €400 fi flus kontanti u xi dokumenti bhala ID card.

PS 1257 Conrad Ellul mar fuq il-post fejn sab lil Peter Paul Lanzon ma' l-art kif kien gie rapportat minnu u dan ma' setax iqum ghax kellu siequ qed tugghu hafna u ma' setax jiccaqlaq fejn spjegalu li kien dahal guvni li gharfu bhala Aaron Ritchie u dan imbuttah, habtu ma' l-art u minn fuq persuntu hadlu l-akrtiera b'€400. Dan Lanzon gharaf lil Aaron Ritchie minhabba l-fatt illi kien jafu minn qabel u jghid ukoll li huma joqghodu litteralment zewg minuti 'l boghod minn xulxin. Is-sur Ritchie joqhgod Cospicua Road fil-bidu taghha waqt li s-Sur Lanzon joghqod fil-Pjazza ta' Rahal Gdid. Giet imsejha l-ambulanza u Lanzon ittiehded l-isptar gie operat u gie dikjarat li kellu ksur ma' naha ta' genb ta' siequ u mal-pelvis. Il-griehi tieghu gew klassifikati bhal ta' natura gravi hekk kif certifikati minn Dr Michael Sullivan. Huwa pprezenta ic-certifikat mediku li

[6] Fol. 31 ta' l-atti

gie markat bhala dok HC6, Lanzon gie operat u susssegwentement intbaghat l-isptar Karen Grech ghal kura. Minn hemm ghamlu tfittxija madwar Rahal Gdid u sabu lil Aaron Ritchie u arrestawh. Hadulu stqarrija u staqsih dwar dan ir-rapport fejn Rithie iddikjara li kien jaf lil Lanzon innega li kien hu li mar ghandu u li tefghu ma' l-art u li hadlu l-€400. L-istqarrija giet esebita u mmarkata bhala dok HC1 u tinsab a fol 6 ta' l-atti Jghid li l-appellant ha l-parir minghadn Dr. Dunstan Camilleri qabel ma' irrilaxja l-istqarrija tieghu. Jghid li fuq il-post kien hemm CCTV. Qal li saret tfittxija fuq l-appellant dak il-hin li instab izda ma' kellu xejn fuqu. Anke tfittxija fid-dar ta' ommu saret peress li ighix maghha li ukoll tat rizultat negattiv ghal presenza ta' affarijiet konnessi ma' din is-serqa.

Illi nhar it-13 ta' Novembru, 2020, ix-xhud esebixxa l-Att tat-twelid ta' Peter Paul Lanzon li gie markat bhala dok AD1.

Illi nhar il-11 ta' Dicembru, 2020, ipprezenta erba' sentenzi illi nghataw fil-konfront tal-appellant li gew mmarkati bhala dok CP1, CP2, CP3 u CP4 rispettivament.

Illi nhar it-23 ta' Settembru, 2021, ix-xhud pprezenta sentenza moghtija mill-Magistrat Mifsud nhar il-11 t' Ottubru, 2017, li giet mmarkata bhala dok HC1.

**PS 1257 Conrad Ellul** xehed nhar il-25 ta' Frar, 2020, u stqarr li nhar is-16 ta' Frar, 2020, ghall-habta tas-7.00p.m ircevew telefonata l-Ghassa ta' Rahal Gdid minghand Peter Paul Lanzon fejn dan infurmahom li xi hadd dahallu d-dar u hadlu l-kartiera bi flus kontanti u li huwa jinsab ma' l-art u ma' setghax iqum minhabba li kien mugugh hafna. Huma ghamlu kuntatt ma' l-ambulanza biex tmur fuq il-post.

Huwa mar fuq il-post u sab lil Peter Paul Lanzon ma' l-art u dan qallu li xi hadd kien habbatlu l-bieb u dan beda ikellmu bl-Ingliz u qallu li ma' kellux menu tal-anzjani. Qallu li kien tfixkel ghax ma' bediex jifhmu ghalhekk fetah il-bieb u ra ragel li kellu

hoodie jew skufja. Gharfu li kien il-persuna ta' Ritchie. Staqsih x'Ritchie hu u qallu Aaron Ritchie. Appena fetah il-bieb tad-dar dan Ritchie imbuttah huwa waqa' ma' l-art ghal daru. Qal li kellu l-kartiera fil-gakketta u go fiha kellu is-somma ta' €400 fi slus kontanti flimkien mal-quickcash tal HSBC u l-ID card u xi ricevuti ohra. Qal li mal-karti kellu ukoll il-PIN number. L-ambulanza waslet fuq il-post u hadet lil Lanzon l-Isptar u dak il-hin informa lill-ispettur Hebert Cini bir-rapport li kien dahal l-Ghassa. Huma marru jfittxu lil dan Ritchie sabuh u arrestawh minnufih. Mistoqsi jekk dan Lanzon qallux kif jaf lill-appellant jghid li ma' qallux. Mistoqsi jekk Lanzon qallux ghaliex kien qed jissuspetta f'Ritchie jghid li ma' qallux. Huwa esebixxa l-okkorenza li giet mmarkata bhala dok KE1.

Rat ix-xhieda moghtija mill-allegat vittma **Peter Paul Lanzon** nhar l-1 ta' Settembru, 2020. Dan stqarr li joqghod fil-fond 122, Pjazza Antione de Paule, Rahal Gdid u jiftakar li nhar is-16 ta' Frar, 2020, kien cempel lill-Pulizija ghax kien dahal ghandu xi hadd biex jisirqu. Jghid li persuna kienet ragel u wahedha dahlet ghandu. Dan kien ghall-habta tas-7.00p.m. Spjega li kien habbatlu l-bieb u beda ikellmu bl-Ingliz u ghamel ruhu li huwa impjegat ta' Meals on Wheels u beda ikellmu bl- Ingliz biex taparsi huwa barrani. Qalli li kien tilef il-menu u talbu iehor ghax kien ser jigi fl-inkwiet mal-imghallem. Staqsih ghal liema granet u dan ir-ragel wiegbu ghal Tnejn u it-Tlieta. Qallu li kien sejjer igiblu l-menus u dahal gewwa u kif ser innewwilhomlu dan ir-ragel imbotta l-bieb u baqa' diehel ghandu.

Imbaghad ried il-wallet tieghu u qallu '*You are Ritchie*' u perss li kien konfuz baqa' ikellmu bl-Ingliz Qallu '*You are already in trouble with the police*'. Imbaghad id-diskors dar fuq il-wallet. Il-persuna imbuttatu u waqa' ma' l-art. Qabad mieghu u waqa' ukoll. Jghid li hadlu l-kartiera ghalaq il-bieb warajh biex huwa ma' jarax liema direzzjoni kien sejjer. Jghid li fil-kartiera kellu l-Quick Cash card tal-HSBC, Identity Card u €400 u l-ircevuti tal- Quick Cash ta' l-ahhar xahrejn.

Mistoqsi min huwa dan Ritchie jghid li dan dejjem jigri warajh biex itih il-flus. Ricentement kien dahal ghandu u ma' harigx u kien cempel lill-Pulizija u gew ikeccuh 'l hemm. Dakinhar kien tah €50 u ried €20 euro iktar. Il-Pulizija keccietu 'l hemm u qaltlu biex ma' jersaqx iktar 'l hemm. Din il-bicca xoghol kienet ilha ghaddejja u ghalhekk kien jaf min hu Ritchie. Jghid li kien jaf lil missieru Rahal Gdid u gharaf lil Ritchie fl-awla bhala l-akkuzat appellant. Dakinhar imbaghad cempel lil girien biex jifthu sabiex meta jaslu l-Pulizija jkunu jistghu jidhlu gewwa, peress li kien gibed il-bieb warajh, Jghid li huwa waqa' meta Ritchie mar biex johodlu l-kartiera u huwa zamm mieghu u waqghu t-tnejn. Jghid li habat il-hip u kisirha u kellu jaghmel operazzjoni. Jghid li ghamel zmien bil-physiotherapy.

Mistoqsi f'liema mument qallu dwar il-menu jghid li dak il-hin Ritchie kien ghadu barra u huwa kien gewwa daru. Mistoqsi jiftakarx x'kien libes l-malvivent jghid li kellu *hoodie* jew barnuza. Hafna minn wiccu kien mghotti. Mistoqsi jekk dan Ritchie kienx jaghmillu xi qadi u li kien ghalhekk li kien itih il-flus jghid li ma' jidhirlux pero' huwa certu li kien ighinu u li kien itih il-flus. Jghid li dan Ritchie kien dahal ghandu f' okkazjoni precidenti. Qal li pero' gili id dar tkun fuq l-antiporta u Ritchie jidhol ghandu sal antiporta biex itih il-flus, izda ma' kienx jidhol gewwa id-dar bejn il-bieb ta' barra u l-antiporta. Mistoqsi ghaliex wasal biex jghid li kien l-appellant Aarone Ritchie meta nofs wiccu kien mghotti jghid li l-impressjoni hekk kienet.

**Dr Michael Sullivan** xehed nhar id-9 t' Ottubru, 2020, u muri id-dok HC6 jghid li huwa ic-certifikat mediku rilaxxjat minnu wara li kien ezamina lil Peter Paul Lanzon. Jghid li kien ezamianh gewwa l-Emergenza ta' l-Isptar Mater Die u kkonferma li kellu griehi ta' natura gravi konsistenti fi ksur tar-right hip.

**PC 396 Karl Attard** xehed nhar id-9 t' Ottubru, 2020, u muri dok HC1 jikkonferma li hija l-istqarrija rilaxxjata minn l-appellant u kkonferma li qabel ma' ittiehdet din l-

istqarrija l-appellant inaghta id-dritt tal-Avukat u fil-fatt tkellem ma' Dr. Dunstan Camilleri.

**WPC 39 Martina Grech** xehdet nhar id-9 t' Ottubru, 2020, u spjegat illi kient hejjiet ir-rapport esebita fl-atti numerati 3/E/583/2020 u m'ghandha xejn xi zzid mal-kontenut tieghu.

**Eunice Grech Fiorini** xehdet nhar it-13 ta' Novembru, 2020, u mitluba tesebixxi diversi kopji ta' helsien mill-arrest tghid li bhala digrieti kien hemm wiehed mahrug minn Magistrat Yana Micallef Stafrace nhar it-22 ta' Ottubru, 2019, iehor mahrug mill-Magistrat Dr Rachel Montebello nhar id-19 ta' Novembru, 2019, pero' dak allegatament mahrug mill-Imhallef Grixti ma' setax jinstab. Dawn iz-zewg dokumenti gew mmarkati bhala dok EGF1 u EGF2 rispettivament.

Mistoqsija nhar id-19 ta' Frar, 2021, tghid jekk kienx hemm appelli intavolati mis-sentenzi esebita tghid li ma' kienx hemm u lanqas ma' kienu thallsu l-multi li gew impost fuqu.

**PC 195 Melvyn Calleja** xehed nhar it-13 ta' Novembru, 2020, jghid li huwa kien baghat lil Gasan ta' Rahal Gdid lil Go u lill-LESA sabiex jara jekk hemmx xo footages izda minn dak li gie moghti lilu jghid li ma' irrizulta xejn. Huwa esebixxxa ic-CD u l-korrispondenza li ghaddiet bejniethom.

Franklin Calleja xehed nhar id-29 t' Ottubru, 2021, pprezenta tlett bail conditions tal-appellant li gew mmarkati bhala dok FC1, FC2 u FC3.

L-appellant A**aron Steven Stewart Edward Ritchie ma'** xehedx kif kellu kull dritt li jaghmel pero' a tempo vergine tal-investigazzjoni kien irrilaxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti u mmarkata bhala dok HC1. F'din l-istqarrija l-appellant ghazel li ma'

jwegibx ghad-domanda jekk dahalx gewwa id-dar tal-allegat vittma dakinhar li gie arrestat. Aktar tard pero' jghid li ma' kienx prezenti meta l-anzjan gie imbuttat u waqa' ma' l-art. Mistoqsi x'ghamel bil-flus li ha iwiegeb li ma' kellux flus. Mistoqsi jekk jafx lil dan l-anzjan Peter Paul Lanzon jghid li jafu u li kien rah lejliet u li kien sellimlu.

**Jeanette Ritchie** xehdet nhar it-2 ta' Settembru, 2022, bil-lingwa Ingliza tradotta ghal Malti mill-Qorti kkonfermat li toqghod 176, Cospicua Road, Paola u kkonferma li l-appellant huwa binha. Tghid li taf l-allegat vittma ghaliex ratu jixtri u anke taf fejn jghix. Tghid li sena ilu circa 9 ta' Lulju u ghalhekk 2021 kienet irrabjata ghaliex il-Pulizija marret tarresta lil binha l-appellant meta dakinhar kien fil-kumpanija taghha d-dar. Tghid li dakinhar binha ma' kienx hareg mid-dar pero' aktar tard tghid li jista' jkun kien hareg ftit filghodu. Pero' ma' hiex certa. Tikkonferma li bejn id-dar taghha u dik tal-allegat vittma hemm mixja ta' madwar sitt jew seba' minuti u ghal guvni b'sahhtu xi hames minuti.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza l-appellant kien instab mhux hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu. Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa, il-provi kollha u dan sabiex tara jekk il-gudizzju milqugh mill-Ewwel Qorti kienx wiehed 'safe and satisfactory'. Illi fil-fehma ta' l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni ma' irnexxilhiex tipprova il-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u dan ghaliex strahet fuq l-ahhar linja fix-xhieda tal-appellant u cioe' meta gie mistoqsi mid-difiza. Il-Prosekuzzjoni "M*ela kif wasalt ghal Aaron Ritchie meta nofs wiccu kien mghotti*?' U mill-Qorti " *? l-appellant* wiegeb ' ma' *nafx nghidlek l-impressjoni hekk kienet'*.

Illi l-prosekuzzjonni ma' ressqet l-ebda prova ohra la diretta, la indiretta u lanqas xjentifika li torbot lill-appellant max-xena tad-delitt. L-Prosekuzzjoni strahet fuq ix-xhieda tal-allegat vittma. Jidher li a tempo vergine kien qal lill-Pulizija Investigattiva li

kien Aaron Ritchie li kien dahal ghandu, imbuttah u seraqlu l-kartiera izda meta aktar tard gie mistoqsi kif seta' jghid li kien hu meta nofs wiccu kien mghotti jghid li ma' jafx u li hija l-impressjoni tieghu. Illi din il-Qorti ma' tistax tasal ghad-dikjarazzjoni ta' htija fuq semplici impressjoni izda l-grad ta' identifikazzjoni trid tkun aktar soda. Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba id-diskrezzjoni uzata mill-Ewwel Qorti meta waslet biex tillibera lill-appellant tal-akkuzi kollha u ghalhekk hija tal-fehma li s-sentenza moghtija minnha hija 'safe and satisfactory.' Jidher li l-Prosekuzzjoni ghagglet wisq biex tressaq lill-appellant, il-Qorti u strahet fuq il-fatt li huwa ghandu fedina penali refrettarja u ghalhekk kellu ikun hu li dahal ghand is-sur Lanzon. Din il-Qorti pero' ma' timpressjonax ruha mill-fedini penali ta' dak li jkun deher quddiemha u tesigi li l-Prosekuzzjoni tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u cioe' lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni,

Ghalhekk l-appell tal Avukat Generali qed jigi michud fl-intier tieghu.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**